

Brussell, 17 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15524/23

COH 87

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 = Skambju ta' fehmiet

Fil-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali ddedikata għall-Politika ta' Koeżjoni tat-30 ta' Novembru li ġej, abbażi tad-dokument tal-Presidenza li jinsab fl-anness għal din in-nota, il-Ministri inkarigati mill-Politika ta' Koeżjoni huma mistiedna jiddiskutu l-istrumenti li jistgħu jiġu żviluppati biex jiżguraw assorbiment massimu tal-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni fid-dawl tal-għeluq li jmiss tal-perjodu 2014-2020.

Dokument ta' sfond

għall-Kunsill Affarijiet Ġenerali ddedikat għall-Politika ta' Koeżjoni

"Għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020"

Bħalissa ninsabu fl-istadju finali tal-proċess ta' għeluq għall-perjodu 2014-2020, fejn il-31/12/2023 hija d-data finali għall-eliġibbiltà tan-nefqa u t-30/06/2024 hija l-formola finali għaċ-ċertifikazzjoni u d-dikjarazzjoni tan-nefqa. Skont id-data tal-KE, **fil-31/10/2023, ir-rata ta' implimentazzjoni għall-UE-27 kollha kienet tammonta għal 84 %, li tinkludi biss in-nefqa diġà ddikjarata mill-Istati Membri** (mhux in-nefqa li fil-fatt iġġarrbet u ġiet riveduta minnhom).

L-importanza li jiġu assorbiti r-riżorsi kollha allokat lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE, inkluż: il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali - FEŻR, il-Fond Soċjali Ewropew - FSE, l-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġġ, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd - FEMS u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali - FAEŻR), filwaqt li jitqies l-impatt tagħhom fuq l-oġettiv oriġinali u minqux fit-Trattati li jinkiseb żvilupp ibbilanċjat u armonjuż tal-UE, jeħtieġ li **jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-proċess ta' għeluq iseħħ bl-ogħla garanziji ta' kwalità**, speċjalment meta jiġu analizzati l-impatti esterni sinifikanti li sehew fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

F'dan ir-rigward, **għrajjet bħall-pandemija tal-COVID u l-gwerra fl-Ukrajna kellhom impatt kbir fuq il-pass tal-implimentazzjoni tal-fondi Ewropej fl-Istati Membri kollha**, meta wieħed iqis il-kumplessità u l-waqt tal-proġetti ta' investiment ewlenin iffinanzjati mill-FSIE. Barra minn hekk, **it-tnedija tal-inizjattiva REACT-EU**, li għandha l-għan speċifiku li tipprovdi riżorsi addizzjonali u qafas korrispondenti biex tikkumpensa l-impatt ta' dawn il-għrajjet fuq l-ekonomija Ewropea, ingħatat **perjodu iqsar għall-implimentazzjoni**.

F'dan ir-rigward, ġew introdotti xi emendi leġiżlattivi oħra, bl-għan li jtaffu l-impatt soċjali u ekonomiku ta' dawn il-kriżijiet. Dawn l-emendi kienu jinvolvu diversi dispożizzjonijiet, relatati mal-prefinanzjament, il-kofinanzjament, l-eliġibbiltà estiża jew il-flessibbiltajiet imsaħħa, li kienu speċifikament maħsuba biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-fondi.

Għalhekk ninsabu f'sitwazzjoni li tagħmilha rakkomandabbli **li jittejbu aktar ir-regoli għall-ġestjoni tal-fondi Ewropej, b'mod partikolari l-estensjoni tal-perjodu disponibbli għas-sottomissjoni tal-aħħar applikazzjoni għal pagament interim (jiġifieri, il-perjodu ta' ċertifikazzjoni fl-Istati Membri)**. Tabilħaqq, dan itejjeb il-ġestjoni u jikkontribwixxi biex jżied l-assorbiment tar-riżorsi tal-FSIE billi jagħti aktar żmien għall-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni.

Fl-aħħar nett, jeħtieġ li nfakkru li l-konċentrazzjoni ta' parti sinifikanti tal-implimentazzjoni tal-FSIE fuq il-parti finali tal-perjodu ta' programmazzjoni hija realtà li seħħet fil-perjodi ta' programmazzjoni differenti. Dan juri l-ħtieġa, fost riformi oħra, li l-proċessi ta' ġestjoni tal-politika ta' koeżjoni Ewropea jsiru aktar flessibbli.

F'dan il-kuntest, nixtiequ nużaw din il-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali ddedikata għall-Koeżjoni biex nirriflettu dwar il-mistoqsija li ġejja:

Xi strumenti nistgħu niżviluppaw biex niżguraw assorbiment massimu tal-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni fid-dawl tal-għeluq li jmiss tal-perjodu 2014-2020, fil-kuntest tal-ġrajjiet deskritti?